MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 159/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Mejju 1976 (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom 2 (zewg) ulied, illum it-tnejn maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalement separati b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella mill-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija u erba u disghin (1994) (Ara Dok B anness);

Ili m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimata stante illi minhabba li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn / familji godda;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li l-ulied huma llum maggorenni u 'l fuq min tlieta u ghoxrin sena u l-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment skond ir-raba klawsola tal-kuntratt anness;

Illi dawn il-fatit hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata;

Illi l-esponenti taqbel illi din il-Qorti ghandha tiddikjara iz-zwieg bejn il-kontendenti mahlul;

Illi l-esponenti tikkonferma li hi u r-rikorrenti ilhom jabitaw separatament ghal dawn l-ahhar cirka ghoxrin (20) sena;

Illi l-esponenti tikkonferma li ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni stante illi ilha f'relazzjoni stabbli ma terz ghal dawn l-ahhar cirka ghoxrin (20) sena;

Illi l-esponenti tiddikjara u tikkonferma illi fl-ewwel lok, it-tfal tal-kontendenti illum qabzu l-eta ta' t-tlieta u ghoxrin (23) sena u ghalhekk ma ghadx hemm l-obbligu tal-hlas ta' manteniment u fit-tieni lok illi kienet fil-kuntratt ta' separazzjoni ossija dak in atti tan-Nutar Dott Angelo Vella

datat ghaxra (10) ta' Marzu elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) irrinunzjat mid-dritt taghha illi tippercepixxi manteniment minghand zewgha r-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Marzu 1994;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illi illum il-gurnata it-tnejn huma maggorenni u illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt taghhom illi jircievu jew jitolbu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------